ĦAL GĦAXAQ

Top of Form
Top of Form
Top of Form
Top of Form

Minuti tal-Laqgħa Nru. 22 tal-Kunsill Lokali ta’ Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 7 ta’ April 2014 fis-6.00pm

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Darren Abela |
| Kunsillieri | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sur Keith Fenech |
| | Is-Sinjura Miriam Schembri |
| Accountant | Is-Sur Patrick Caruana |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji: a) Skeda ta’ Ħlas Marzu/April 2014;
   b) Petty Cash Marzu/April 2014;
   c) Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements.*
5. Sqaq il-Gebel;
6. Jum Ħal Għaxaq;
7. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

1. **Minuti**

Il-Minuti tas-Seduti Nru 22 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki dwar l-eżattezza tagħhom, huwa ppropona li jkunu addottati.

Issekondat il-kunsillier Agius u l-Kunsill qabel unanimament.

2. **Tagħrif mill-Minuti**

a. Dwar il-quddiesa għal ruħ missier il-Kunsillier Schembri, is-Segretarju staqsiet hemmx xi ġurnata partikolari li jixtiequ li din issir. Sar qbil li din issir wara l-festi tal-Għid il-Kbir.

b. Waqt il-laqgħa tal-*Accessibility Award* is-Segretarju qalet li hi attendiet għall-laqgħa w infurmat lil kulħadd x'intqal waqt din il-laqgħa.
Saret diskussjoni fejn intqal li din l-*Award* tista' tkopri x-xtiebi tal-Ġnien il-Kunsill, il-bandli ta' fuq Santu Rokku, bandla għal dawk li jbgħatu bid-diżabilita' fi Ġnien il-Kunsill, rampi fi Ġnien 2000, rampa ġo l-Iskola Primarja biex wieħed ikun jista' jitla' fuq il-palk.
Wara d-diskussjoni x'jista' jsir għal din l-*Award* sar ftehim li min għandu x'idea jgħaddieha lis-Segretarju.

c. Dwar ir-*Recruitment Campaign* tal-HSBC, ser issir laqgħa l-HSBC nhar is-17, ta' April, 2014, fis 13.00pm, ser tattendi s-Segretarju.

d. Dwar il-unit ta' l-uffiċċju ta' isfel is-Segretarju qalet li flimkien mas-Sindku marru ic-*charity shop* iżda ma kienx hemm *units* tajbin għall-uffiċċju għaldaqstant ġiet ordnata unit mingħand is-Sur Anthony Sammut.

Is-Sinjura Schembri kkumentat li din il-*Unit* saret mingħajr ma' ġiet approvata mill-Kunsill. Il-Viċi Sindku flimkien ma' membri tal-Kunsill wieġbu lis-Sinjura Schembri li fil-Minuti li għadhom kif ġew approvati w li hi approvat ukoll hemm imniżżla l-kwotazzjonijiet tal-*Unit* li sar anke qbil dwarha fil-laqgħa preċedenti.

Il-Viċi Sindku kompla jgħid li din il-Unit parti minnha ta' 8' x 2' biss tista titħallas, il-kumplament terġa' toħroġ sejħa oħra wara sitt xhur.

e. Dwar it-tberik tal-annimali is-Sur Twanny Vella irid ikun jaf hux se jkun hemm min inaddaf wara l-annimali għax hemm tieġ il-knisja. Sar qbil li l-Kunsill jipprovdi kennies għal din l-attivita' biex inaddaf wara l-annimali jekk ikun hemm il-ħtieġa.

ĦAL GĦAXAQ

f. Dwar is-Seminar li ser isir dwar ir-Regolamenti tal-Kostruzzjoni *"The Role of the Local Council"* infurmawna li dan ser isir ġewwa Dar il-Mediterran għall-Konferenzi nhar l-Erbgħa, 17 ta' April, fit-8.30am. Din iridu jattendu s-Sindku flimkien mas-Segretarju.

3. **<u>Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

1. Mid-Dipartiment bagħatu Memo 8/2014 dwar Protokoll tal-Bnadar fil-Festi Nazzjonali biex tittella' l-Bandiera ta' Malta.

Il-Kunsillier Fenech ikkumenta dwar li stat li tinsab fih il-bandiera ta' fuq il-bejt tal-Kunsill u sar qbil li tinxtara bandiera gdida.

Memo 9/2014 dwar Applowdjar ta' Dokumenti fuq is-Sit www.lc@gov.mt.

Memo 10/2014 dwar Ħruġ ta' Sejħiet għall-Offerti – Ċirkularijiet.

Memo 11/2014 dwar Migrazzjoni għall-Akkwist Elettroniku ( Electronic Procurement).

Infurmaw ukoll dwar x'attivitajiet kulturali ser jitellgħu mill-Kunsilli Lokali għal din is-sena, fejn l-attivita ta' Ghaxaqfest tidher li ser issir fl'14 ta' Settembru 2014.

al din ise

2. Mill-MEPA fejn bagħatu applikazzjoni ġdida PA/00942/14 dwar alterazzjonijiet interni u esterni fi Triq St.Marija.
Applikazzjoni oħra PA/00981/14 dwar tiġdid ta' permess PA 1085/08 fir-rigward ta' alterazzjonijiet fi Triq dar il-Bebbux.

3. Mingħand TM fejn għarrfu li ser jitwaħħlu s-siġar tal-Oleander it-tul tal-Bypass fuq talba tal-Kunsill u fir-rigward tat-tarmak għal Tarxien Rd. għad trid tiġi kjarifikata.

4. Mingħand l-*Occupational Health & Safety Authority* stedina għal seminar li ser isir fis-16 ta' April, 2014, fis-Sala tal-Konferenzi l-Belt dwar.

5. Mingħand il-Kunsillier Fenech fejn informa min kien preżenti għal laqgħa li saret dwar l-attivitajiet marbuta ma' Jum Ħal Għaxaq flimkien mal-attivitajiet li ser iseħħu.

6. Mingħand RTS dwar kwotazzjoni fuq spezzjoni tas-*cctv system* li hemm fil-*Playground* fejn it-total tal-ispiża hija ta' € 736.

ĦAL GĦAXAQ

7. Mingħand *JumpMalta Children Ent*. fejn tlabna kwotazzjoni għal *bouncy castle; face painting; glitter tattoos; balloon modelling; animator playing games; magic show; clown show & mascot character.*

8. Mingħand il-MEUSAC dwar *Erasmus + Programme* fejn id-*deadline* għal applikazzjonijiet hi tat-30 ta' April, 2014.

9. Mingħand il-Kunsill ta' Marsaxlokk fejn talbu għal rappreżentant sabiex ikun fil-bord tal-evalwazzjoni għal Ġieħ Marsaxlokk. Il-Kunsill ma jistax jattendi minhabba li se tkun l-istess gurnata ta Jum Hal Ghaxaq.

**4. <u>Materji Finanzjarji</u>**:

*a.* ***Petty Cash***: Is- Segretarju Eżekuttiv elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Marzu/April 2014, li kienu jammontaw għal €85.98. Is-Segretarju qrat l-lista tan-nefqiet li saru u ressqet l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Segretarju Eżekuttiv talbet li tiġi kkumpensata b'€85.98 għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Viċi Sindku Vassallo.

*b.* ***Skeda ta' Ħlas Marzu 2014***: Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Marzu 2014 u li jammontaw għal €13,752.31.

Is-Segretarju qrat il-lista tal-pagamenti u wara ressqet l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-ħlas u ġiet sekondata mil-Vici Sindku s-Sur Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

Waqt li nqrat il-lista gie innotat ħlas ta' bukketti tal-fjuri għall-Festa ta' San Gużepp fid-19 ta' Marzu li ma kienux ġew approvati mill-Kunsill. Is-Sindku qal li hu ordna il-fjuri bħal ma sar fi snin ta' qabel. Il-Viċi Sindku oġġezzjona minħabba l-fatt li l-Kunsill ma rċieva ebda invit għal din l-okkażjoni u talab li tintbagħat e-mail lis-Segretarju tal-Każin ta' San Gużepp fejn tinfurmah li l-membri tal-Kunsill ma

attendewx kollha għall-attivita' li saret minħabba l-fatt li l-Kunsill ma rċieva ebda invit minn naħa tal-Każin imsemmi.

*c.* **Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements***

Is-Segretarju poġġa għad-dispożizzjoni tal-membri tal-Kunsill il-*Financial Statements* (app.1)għas-sena li għadha kemm għalqet.u talbet lis-Sur Patrick Caruana l-Accountant jghati spjegazzjoni ta' l-istqarrija finanzjarja.

ĦAL GĦAXAQ

Il-membri iddeliberaw dwarhom, għamlu l-osservazzjonijiet tagħhom u s-Sur Fenech talab x'aġġustamenti li ġew approvati mill-membri l-oħra.
Ic-Chairman tal-Finanzi s-Sur Fenech irrakkomanda lill-Kunsill biex jadotta l-*Financial Statements* wara li jsiru l-aġġustamenti mitluba.
Is-Sur Fenech ppropona li l-*Financial Statements* jkunu ffirmati mis-Sindku w s-Segretarju biex jintbagħatu lill-Udituri tal-Gvern għal verifiki neċessarji.
Issekondat il-Kunsillier Agius u l-Kunsill qabel.

**5. Sqaq il-Gebel**

Il-Viċi Sindku reġa ġibed l-attenzjoni dwar Sqaq il-Gebel li kien diġa' għamel referenza għalih f'laqgħa preċedenti fejn qal li f'dan l-Isqaq hemm il-ħtieġa li jitranġaw il-ħofor minħabba li dawn qed ikunu ta' nkonvenjent għal min juża dan l-Isqaq.

Is-Sindku qal li bħalissa qed niktbu lil MEPA minħabba li l-kumpanija Schembri li hemm fil-viċin qed ittella' ħajt li se jagħlaq parti mill-Isqaq u għaldaqstant qed jistenna għax din l-istess kumpanija għamlet il-ħsarat li hemm fli Sqaq u se jitlob li dan jitranġa mill-istess Kumpanija.

**6. Jum Ħal Għaxaq**

Dwar Jum Ħal Għaxaq sar qbil kif gej:

Is-Sibt, 26 ta' April, 2014, fil-5.00pm issir wirja ta' xogħolijiet maħduma mit-tfal u mill-kbar fis-Sala tal-Iskola kif ukoll riċeviment fit-8.00pm. Għar-riċeviment is-Sinjura Schembri ikkumentat biex ma jinxtrawx pastini tal-lewż u jinxtraw pasti żgħar biss, iżda ħadd ma kkumenta.

Il-Ħadd, 27 ta' April, 2014, fid-9.00am issir quddiesa u fl-istess ħin tibqa' ssir il-wirja. Fid-9.45am ser isir it-tberik tal-annimali fejn il-Kunsill se jagħti ċikkulata lit-tfal li jieħdu sehem. Il-Kunsill qabel.

Is-Sinjura Agius qalet li talbet lista tal-miżżewġin lill-Kapillan, qalet ukoll li l-ħarġa għal "*President's Kitchen Garden*" ser issir fid-29 jew 30 ta' April.

Il-Kunsillier Schembri qalet li xtaqet itellgħa kompetizzjoni tar-ritratti ta' xeni f'Ħal Għaxaq fejn jieħdu sehem tfal bejn 5 u 7 snin. Qalet ukoll li ir-rebbieħa jingħataw l-ewwel €25 u it-tieni €20. Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku qal li se jitlob lil Kumpanija '*Greenpak*' jagħmlu *stand* biex jindikaw lin-nies l-affarijiet li jistgħu jiġu riċiklati. Qal ukoll li kellu laqgħa



biex ineħħi xi skips tar-riċiklaġġ, hawnhekk is-Sinjura Schembri qalet li hi ma taqbilx li dawn l-iskips tar-riċiklaġġ jitneħħew.

Is-Sindku ppropona li jsir *tournament* tal-*human table soccer* iżda data ma ġietx indikata.

**7. <u>Suġġerimenti mill-Kunsilliera</u>.**

a. Is-Sindku qal li se jitlob biex manutenzjoni ta' Valletta Road issir minn *Transport Malta* w qal li se jitlob biex il-Kunsill ma jibqax jieħu ħsieb din it-triq iżda din it-triq tibda tieħu ħsiebha *Transport Malta*. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

b. Is-Sindku qal li se jitlob biex jitneħħew il-wires tad-dawl minn fuq l-istatwa ta' San Gużepp. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

c. Is-Sindku qal li jixtieq jagħmel *bollards* fil-bidu tat-Triq G.M. Farrugia meta jkun hemm x'attivita' fil-pjazza. Il-Kunsill qabel.

d. Il-Kunsillier Agius qalet li Triq ir-Rebbiegħa hemm biċċa li sfrondat. Il-Kunsill qabel li jekk din hi biċċa kbira ssir mill-kuntrattur tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel. Sar qbil li nerġgħu nikkuntatjaw lil *Schembri Infrastructures* dwar Triq id-Dejl fejn ukoll hemm biċċa mit-triq li nqalet.

e. Intqal li fi Triq Giov. Scicluna hemm wieħed mir-residenti li jitfa' ilma barra fit-triq u jeħtieġ li dan ir-resident jiġi ifurmat li dan ma jistax jagħmlu. Il-Viċi Sindku qal li dan ir-resident diġa' ġie infurmat qabel

dwar dan l-ilma għaldaqstant ninfurmawh li ser jittieħdu passi kontrih. Il-Kunsill qabel.

f. Il-Viċi Sindku qal li it-tarmak li sar fi Triq Gius. Demicoli qed jinqala'. Is-Sindku qal li se jieħu ħsieb jara x'hemm il-ħtieġa li jsir.

g. Il-Kunsillier Agius reġgħet qalet li hemm il-ħtieġa li jinżabru is-siġar il-kbar fil-Bypass u jekk dawn ma jinżabrux iżżomm lil min hu responsabbli ta' x'aċċident li jista' jsir minħabba fihom. Is-Sindku qal li dawn diġa' saru.

h. Il-Kunsillier Schembri qalet li hemm il-ħtieġa li jitneħħa l-ħaxix ħażin li hemm fi Triq it-Tumbarellu. Il-Kunsill qabel.



i. Il-Kunsillier Schembri kompliet tgħid li se tagħmel attivita' ta' *Storytelling* fi Ġnien 2000 u jeħtieġ li dan il-ġnien ikun nadif. Il-Kunsill qabel.

j. Is-Sindku qal li is-saqaf ta' l-istage il-qadim li hemm fuq Santu Rokku jeħtieġ li jitwaqqa' s-saqaf.

   Il-Viċi Sindku dan is-saqaf jista' jinkesa u jinżebaħ u jiġi tajjeb.

k. Is-Sinjura Agius qalet li hemm bżonn jitranġa il-ħin fit-*timer* tad-dawl li hemm fuq il-grawnd tal-Bypass. Is-Sindku qal li se jieħu ħsieb.

l. Saret diskussjoni dwar area fi Triq il-Qattus, is-Sindku qal li din titnaddaf u ssir *Parking Area*. Filwaqt li kien hemm min ma qabilx għax qal li din l-aħjar kieku tiġi ġnien sar qbil li tintbagħat *e-mail* lill-Awtorita' tal-Artijiet biex il-Kunsill ikun jaf din il-biċċa art lil min tappartjeni.

m. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jsiru tabelli ta' Trejqet ir-Rummien, u ta' Sqaq San Mikiel għax din nsterqet. Qal ukoll li hemm il-ħtieġa li jinġiebu kowtazzjonijiet għal xogħol ta' *trenching* fi Sqaq San Mikiel minħabba d-dawl. Il-Kunsill qabel.

n. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li jinġiebu kwotazzjonijiet biex isiru tabelli li jinxtegħelu bis-solar għaz-*zebra crossings*. Il-Kunsill qabel.

**8. <u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fid-9.30pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn 5 ta' Mejju 2014 fis-6.30pm

Darren Abela
**Sindku**

Therese Xuereb
**Segretarju Eżekuttiv**

Ikkonfermati:- it-Tnejn 5 ta' Mejju 2014 , fis-6.30pm